# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 25 ta' Frar 2002**

**Numru 4**

**Avviz. numru 164/00mm**

**Joseph Mercieca**

**vs**

**John Borg**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mill-attur fil-15 ta' Frar 2000 fejn talab lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li jhallsu s-somma ta' mitejn tnejn u tmenin lira hamsa u sebghin centezmu (Lm282.75c) bhala danni minnu kkagunati u minnu subiti in segwitu ghal incident awtomobilistiku li gara Zejtun fit-28 ta' Novembru 1999 meta waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura Nru DAC 875 habat mall-vettura Nru JAI 265, proprjeta' ta' l-attur u misjuqa minn Samuel Mercieca - prevja dikjarazzjoni li ghal dan l-incident huwa kien unikament responsabbli minhabba

mprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tat-12 ta' Jannar 2000, dawk tal-ittra ufficjali tas-27 ta' Jannar 2000, u dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ma' l-avviz ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni proceduri a tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imghax legali mis-27 ta' Jannar 2000, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu, billi l-kollizzjoni in kwistjoni ma saritx b'tort tal-eccipjenti, izda b'tort ta' Samuel Mercieca, s-sewwieq tal-karozza ta' l-attur, minhabba negligenza, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u ghalhekk l-eccipjenti ma hux responsabbli ghall-ebda hlas ta' danni.

2. Fi kwalunkwe kaz id-danni reklamati huma esagerati.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda ncident tat-traffiku li gara fit-28 ta' Novembru 1999 ghal habta tat-tlieta ta' wara nofsinhar go Triq A Cachia Zammit, Zejtun bejn il-karozza JAI 265 tal-ghamla Skoda misjuqa minn Samuel Mercieca u l-karozza DAC 875 tal-ghamla Daewoo misjuqa mill-konvenut. Dak il-hin ta' l-incident kienet xita qliel u t-triq kienet mgharrqa bl-ilma tant illi l-vetturi kienu qed juzaw din it-triq *wrong way* biex jevitaw l-ilmijiet li kienu qieghdin jingemghu aktar l-isfel.

Ikkunsidrat:

Illi PS 1386 Anthony Agius xehed a fol 19 illi dak in-nhar tal-incident tant kienet xita illi huwa ma setghax jiehu kejl tal-vetturi nvoluti u ghamel l-isketch mill-memorja wara illi mar lura l-ghassa. Il-partijiet kellimhom fil-karozza tal-pulizija.

Samuel Mercieca a fol 25 ighid illi huwa hareg minn Triq l-Isqof Zahra ghal go Triq Cachia Zammit biex idur lejn il- lemin ghal go Triq Salvu Cacciattolo. Qal li fuq in-nahha tax-xellug tieghu kien hemm karozzi pparkjati u ra wkoll zewg *tow trucks* telghin. Ighid testwalment pero' illi *"…… qabel ma dort lejn il-lemin ghal go Triq Cacciattolo rajt illi ma kien gej hadd minn faccata u mill-mera tal-gemb fuq il-lemin tieghi stajt nara dawn iz-zewg vetturi illi kienu telghin bil-mod. Kif qbadt it-triq, tfaccat il-karozza l-ohra*

*minn warajja u tatni daqqa qawwija fuq il-mudguard ta' wara tal-lemin."*

Il-konvenut minn naha l-ohra jghid li huwa minnu li dak inhar kienet hafna xita u aktar l-isfel mar-roundabout il-karozzi kienu qed iduru *wrong side* biex jibqghu telghin ghal Triq A Cachia Zammit, illi l-parti karreggjabbli kienet ridotta ferm peress illi fuq ix-xellug kien hemm karozzi pparkjati u terga kien hemm zewg *tow trucks double parked* jippruvaw inehhu l-karozzi minn nofs. Xehed illi huwa kien tiela fi Triq Cachia Zammit biex jibqa sejjer ghad-dritt, izda meta gie fil-kantuniera ma' Triq Salvu Cacciattolo, qasmet l-Skoda misjuqa minn Samuel Mercieca minn quddiemu, ma setax jevitaha u sar l-incident. Il-konvenut huwa korroborat minn Mark Attard illi kien driver ta' wiehed minn dawn it-*tow trucks* fejn a fol 37 ighid *"… l-Skoda hareg minn quddiemi, gas down, irrejzja l-magna u mbaghad f'daqqa wahda nisma hoss ta' kollizzjoni".* Attard osserva illi l-*windscreen* ta' l-Skoda kien kollu mtappan u rah inaddaf il-hgieg b'idejh. Kompla jghid illi din il-Skoda *"harget b'mod goff tant li rajtha tperper minn wara".*

Ikkunsidrat:

Illi fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi processwali l-Qorti jidhrilha illi hemm element ta' traskuragni minn naha ta' Samuel Mercieca meta gie biex idur lejn il-lemin ghal Triq Salvu Cacciattolo minghajr ma ha l-mizuri necessarji. Ta' min josserva illi dak in-nhar il-kondizzjoni tas-sewqan kienu difficli hafna, xita qliel bil-viswali ridotta u ghalhekk kien jinkombi fuq is-sewwieqa

attenzjoni massima sabiex jassiguraw li ma jkunux ta' hsara la ghalihom u lanqas ghal utenti l-ohra tat-triq.

Samuel Mercieca jghid illi qabel ma dar accerta ruhu li ma kienux gejjin vetturi mill-faccata u mill-mera ra biss dawn iz-zewg *tow trucks* telghin bil-mod. Il-Qorti jidhrilha illi evidentement Mercieca ma rax sew, peress illi kien hemm ukoll il-vettura tal-konvenut tiela warajh. Dina fl-ebda hin ma nduna biha, tant hu hekk illi hu stess ighid illi kif qabad it-triq tfaccat il-karozza minn wara u tatu daqqa. Ma tantx setgha ghadda hin wisq minn meta hares lejn il-mera u dar lejn il-lemin, il-ghaliex l-incident gara proprju ftit attimi wara li jindika car illi Mercieca ma rax sew minn dawn il-mirja. Fix-xhieda tieghu ma jghidx li hares fil-mera tan-nofs, isemmi biss il-mera tal-gemb. Jista jaghti l-kaz allura li din il-mera kienet ostakolata peress illi l-hgiega ta' wara kienet imtappna kif xehed Mark Attard a fol 37.

Mark Attard pero' jitfa aktar dawl fuq dan l-incident u jsemmi li s-sewqan ta' Mercieca ma tantx kien prudenti ghal dik l-lokalita' u l-kondizzjonijiet tat-triq. Jarah isuq *gas down,* jirrejzja l-magna u l-karozza tperper minn naha ta' wara. Dana mhuwiex sewqan taht kondizzjonijiet normali, ahseb u ara f'dawk il-kondizzjonijiet ta' perikolu li kienu jezistu dak il-hin. Ghalhekk il-Qorti tosserva traskuragni u negligenza da parti ta' Samuel Mercieca illi qabad u qasam karreggjata minghajr ma ha l-prekawzjonijiet kollha necessarji. Minn naha l-ohra l-konvenut kien tiela dritt fi Triq A Cachia Zammit u ma kellu l-ebda intenzjoni jdawwar id-direzzjoni tal-vettura tieghu. Quddiemu kien hemm vetturi ohra telghin bil-mod u huwa qaghad isegwihom bl-istess pass li kienu

sejrin. Fil-kondizzjonijiet li kienu jezistu dak in-nhar mhuwiex il-kaz illi s-sewqan ikun eccessiv u, bil-prudenza kollha, l-konvenut qaghad jistenna u jsuq bl-istess pass tal-karozzi illi kellu quddiemu.

Mhux l-istess ghamel Mercieca illi donnu b'sens ta' frustrazzjoni qabad irrejzja l-magna u hareg f'daqqa bin-nahha ta' wara tperper biex b'hekk pogga l-karozza tieghu fl-ostakolu illi wassal dan l-incident. Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi ghal dan l-incident ghandu jahti unikament u esklussivament iben l-attur Samuel Mercieca u ta dan ghandu jwiegeb.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad it-talba ta' l-attur bl-ispejjez kontra tieghu.

Anthony Zammit
Dep Reg